MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru 731/2004

Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia
Spettur Stephen Gatt)

vs

Aiman Sherif

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Aiman Sherif detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 25070A, akkuzat talli:

1. nhar il-Hamis 2 ta’ Settembru 2004, ghal habta ta’ l-10:30 ta’ bil-lejl, f’Tas-Sliema flimkien ma’ persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ elfejn dollaru Amerikan u tmenin Lira Maltin u dan ghad-dannu ta’ Fathi Ali El Ghonsol, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, valur u hin;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr ma kellu l-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Fathi Ali El Ghonsol skond kif iccertifikat it-Tabiba Sharon Tanti MD tal-Isptar San Luqa;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Fathi Ali El Ghonsol sabiex jingurjah, idejjqu jew jghamillu hsara;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

Rat l-artikoli tal-ligi ta’ l-Avukat Generali ai termini ta’ liema huwa baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi fuq il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat pero’ mhux qabel tisma’ lix-xhieda hemm imsemmija;

Ottemperat dan ir-rekwisit, semghet lill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Stephen Gatt jiddikjara li finalment ma kellux aktar xhieda;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qieghed isib oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Ezaminat ix-xhieda kollha li semghet tul il-kawza;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda f’din il-kawza, li ghandha l-isfond taghha f’aggressjoni li l-kwerelant jistqarr li sofra mill-imputat u terz iehor, tikkonsisti essenzjalment fil-verzjoni tal-kwerelant u tal-imputat. Dwar l-aggressjoni ‘ut sic’ hemm xhieda korroboranti tal-Pulizija li din verament sehhet fis-

sens illi kienu evidenti l-feriti fuq il-persuna tal-kwerelant meta fil-hin tal-aggressjoni huwa mar l-ghassa f'Tas-Sliema u ghamel ir-rapport. Hemm ukoll l-fatt tac-carta tal-but tal-qalziet li kien libes l-kwerelant dak il-hin.

Illi dwar dak li xehed il-kwerelant hu stqarr illi l-aggressjoni fuqu saret fit-tarf ta' Triq Manwel Dimech faccata tax-Xatt ta' Tas-Sliema u l-hin kien xi l-ghaxra u nofs ta' fil-ghaxija. Spjega illi kien hareg passiggata u kien qieghed jirritorna d-dar meta ghaddiet karozza b'tlieta min-nies fiha li waqfet fejnu u mill-liema hargu l-imputat u iehor. Zied jghid illi l-imputat laqtu b'sikkina kemm fuq u taht ghajnejh, ukoll tah daqqa ta' ponn fuq imniehru u seraqlu elfejn dollaru Amerikan u tmenin Lira Maltin mill-but. Il-karozza tal-aggressuri gharafa bhala wahda tal-marka Peugeot ta' kulur abjad jew kulur iehor car.

Illi l-imputat da parti tieghu jichad li hu kien involut f'din l-aggressjoni. Jistqarr li kien id-dar tieghu u bhala konferma ta' dan ipproduca lill-martu bhala xhud.

Issa mill-provi li semghet il-Qorti hemm is-segwenti li tqis rilevanti apparti mix-xhieda tal-imputat u l-kwerelant:

- illi l-pulizija ghamlet tficcija fir-residenza tal-imputat li minnha irrizulta biss li kien hemm arlogg tal-marka 'Bulgari' li l-imputat stqarr li xtrah u ma kienx genwin;
- illi mix-xhieda tat-tabiba li immedikat lill-kwerelant l-ghada jirrizulta li kellu ksur fis-sett nasali li ma kienx jirrikjedi aktar minn tlettin gurnata sabiex ifieq; apparti minn girfa wahda fuq mohhu u hmura fuq ghajnu tax-xellug;
- illi f'xi zmien qabel recenti l-imputat kien mar id-dar tal-kwerelant u kien kissirlu hgiega minhabba argument li kellhom dwar persuna ohra ta' nazzjonalita' Libjana.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti fejn l-uniku fatt cert hi l-aggressjoni subita mill-imputat din il-Qorti ma thoss li ghandha temmen lill-kwerelant u tiskarta x-xhieda tal-imputat u martu. Apparti l-arlogg li m'ghandu ebda konnessjoni mal-kaz m'hemm xejn hlief ix-xhieda tal-kwerelant li taghmel konnessjoni bejn l-imputat, l-aggressjoni, u l-allegat serq. Fil-fehma tal-Qorti dan hu

tenwu wisq sabiex issib reita’ fl-imputat aktar meta hi ma kelliex l-opportunita’ li tisma’ hi lill-kwerelant u taghmel l-apprezzament taghha.

Ghalhekk u fic-cirkostanzi tiddeciedi li tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------